**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 119/2020 RM**

**Kunsill Lokali Hal Kirkop**

**-Vs-**

**Salvu Debono**

Illum, 3 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-Kunsill Lokali Ħal Kirkop fir-Reġistru fil-21 ta' Lulju 2020 fejn talab li l-konvenut, Salvu Debono, jiġi kkundannat iħallsu is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni skond l-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta), wara li jiġi dikjarat illi l-kummenti fl-artikolu ippublikat minnek fil-gazzetta l-Orizzont nhar it-23 ta' Ġunju 2020 (kopja ta' liema huwa anness u mmarkat Dok. KLC1) huwa libellużi u malafama fil-konfront tar-rikorrenti u li għandhom bħala skop li joffendu l-unur u r-reputazzjoni tar-rikorrenti u li jesponih għar-redikolu u disprezz tal-pubbliku.

Rat ir-Risposta ppreżenta mill-konvenut fis-7 ta' Settembru 2020 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi fl-ewwel lok, l-attur m'għandux l-interess ġuridiku rikjest mill-liġi sabiex jintavola din il-kawża billi l-konvenut fl-ebda ħin ma' indirizza lill-attur fl-Artikolu fil-ħarġa tal-gazzetta 'Orizzont' ta' nhar it-23 ta' Ġunju 2020.*
2. *Illi fit-tieni lok, dak kollu mistqarr mill-esponenti fl-artikolu, m'hemmx jew ma kien hemm xejn libelluż jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent stante li l-fatti huma sostanzjalment korretti.*
3. *Illi fit-tielet lok l-artikolu fuq surreferit jikkonsisti f'kumment ġust u hija analażi valutattiva tal-operat tar-rikorrent li wara kollox jaqa' fid-dominju pubbliku.*
4. *Illli fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-artikolu lamentat mir-rikorrenti jikkonsisti biss f'fatti verifikabbli u/jew dwar kwistjonijiet li vera qegħdin isiru kif jidher ċar mir-ritratti hawn annessi u mmarkati bħal 'Dok A' sa 'Dok K'. Barra minn hekk dan id-diskors għandu jiġi meqjus bħala diskors aċċettabbli f'soċjeta demokratika u eżerċizzju tal-liberta' tal-espressjoni sancita, inter alia mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jiġifieri skond il-liġi li tindika l-importanza tal-istampa ħielsa.*
5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet attriċi kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Kunsill attur fil-15 ta' Marzu 2023 kif awtorizzat;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenut fit-23 ta' Marzu 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;
Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579) fejn il-persuna aggravata hija Kunsill Lokali filwaqt li l-konvenut huwa persuna li kiteb stqarrijiet allegatament malafamanti fil-konfront tal-Kunsill (l-awtur), liema stqarrijiet jifformaw parti minn artikolu li ġie pubblikat fil-ħarġa tal-gazzetta l-Orizzont fit-23 ta' Gunju 2020

Illi l-Qorti sejra tibda biex tittratta l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu fejn ġie eċċepit in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-Kunsill Lokali biex jistitwixxi din l-azzjoni.

Il-konvenut jidher li jsejjes din il-linja difensjonali fuq l-argoment li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop, l-attur, m'huwiex identifikat fl-artikolu impunjat. Il-Qorti ma taqbilx li l-Kunsill mhux identifikat fl-artikolu: it-titolu tal-pubblikazzjoni nnifisha jirreferi għal "Kunsill" filwaqt li qari ħafif tal-korp tal-ittra pubblikata ftit iħalli dubju li l-Kunsill li qed isir referenza għalih huwa dak "fir-raħal ta' Ħal Kirkop".

Madanakollu, il-Qorti tqis li din l-ewwel eċċezzjoni timmerita iktar stħarriġ safejn hija msejsa fuq in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-persuna aggravata: dan ukoll fl-isfond tat-tielet eċċezzjoni fejn il-konvenut jikkontendi illi l-pubblikazzjoni tikkonsisti fl-analizi valutattiva tal-operat tal-Kunsill Lokali fid-demanju pubbliku.

Għandu jingħad illi l-materja tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur fl-azzjoni esperita minnu hija waħda ta' ordni pubbliku u bħala tali għandha titqajjem anke *ex officio*, u n-nuqqas tal-konvenut li jqajjimha speċifikatament ma jfissirx li b'daqshekk l-istqarrijiet impunjati jsiru azzjonabbli jew jagħti jew jikkonvalida jedd ta' azzjoni li hu altrimenti improponibbli.

Il-persuna aggravata f'din l-azzjoni għal malafama huwa l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop, li qed jitlob il-ħlas skont l-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ("l-Att"), ta' danni għal allegat malafama li saret bl-artikolu miktub mill-konvenut u ppubblikat fil-gazzetta l-Orizzont tat-23 ta' Ġunju 2020. Din il-pubblikazzjoni, skont l-istess Kunsill, fiha stqarrijiet diffamatorji.

Issa, kif jipprovdi l-Artikolu 3(4) tal-Att, stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. L-istess dispożizzjoni legali mbagħad tipprovdi li fil-każ li l-persuna aggravata bl-istqarrijiet allegatament diffamatorji, tkun korp li jopera għal profitt, il-ħsara lir-reputazzjoni ma titqies li hija ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju.

Hawnhekk il-Qorti minnufih tirraviża ostakolu, fil-fehma tagħha insormontabbli, għall-azzjonabbilita' tal-allegat malafama f'din il-kawża. Għandu jingħad illi l-għan tal-azzjoni għal malafama hu biex il-persuna aggravata tivvindika l-ħsara kkaġunata lir-reputazzjoni tagħha b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet allegatament diffamatorji, u dan bil-likwidazzjoni ta' danni morali biex jikkumpensaw għal dik il-ħsara. Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-persuna aggravata b'dawn l-istqarrijiet la hi ċittadin privat jew persuna pubblika li soffriet ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha, u lanqas m'hi korp li jopera għal profitt li ġarrab telf finanzjaru serju b'riżultat tal-allegat malafama. Fil-fatt, l-attur huwa l-Kunsill Lokali, li huwa fergħa tal-Gvern Lokali.

Il-Qorti tqis, b'mod ġenerali, li l-Gvern, diversament minn persuna naturali, m'għandux reputazzjoni li tista' tiġi skreditata moralment f'għajnejn is-soċjeta' in ġenerali b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet diffamatorji.

Blackstone[1], fil-kummenti tiegħu dwar il-liġi tal-malafama taħt id-Defamation Act UK (2013), jgħid illi similment għall-pożizzjoni taħt id-dritt komuni:- "... *a statement must surely still have the effect of lowering the claimant in the estimation of 'right thinking members of society generally' if it is to be defematory"*.

Imbagħad, kif qal Lord Nicholls of Birkinhead fil-kawza **Reynolds v. Times Newspaper Limited and Others**, deciza mill-House of Lords fit-28 ta' Ottubru, 1999:

"*Reputation is an integral and important part of the dignity of the individual. It also forms the basis of many decisions in a democratic society which are fundamental to its well-being: whom to employ or work for, whom to promote, whom to do business with or to vote for. Once bismirched by an unfounded allegation in a national newspaper, a reputation can be damaged forever, especially if there is no opportunity to vindicate one's reputation. When this happens, society as well as the individual is the loser. For it should not be supposed that protection of reputation is a matter of importance only to the affected individual and his family. Protection of reputation is conducive to the public good.*"[2]

Il-Gvern m'huwiex persuna privata. Huwa minnu li l-liġi tal-malafama tapplika għal soċjetajiet u korpi oħrajn li joperaw bi qligħ, anke jekk l-attivita' li tiġġenera l-profitt tkun tifforma biss parti żgħira mill-operazzjonijiet tal-korp: dan biex jiġi tutelat is-suċċess kummerċjali u l-vijabbilita' ta' kumpanniji għall-benefiċċju tal-azzjonisti u impjegati kif ukoll is-soċjeta' in ġenerali. Iżda l-Gvern m'huwiex lanqas entita' kummerċjali jew korp li jopera għal profitt u m'għandux *goodwill*, ishma jew assi oħrajn b'valur kwantifikabbli li jista' jsofri deprezzament f'termini monetarji u jwassal allura għal telf jew diminuzzjoni fil-finanzi tiegħu minħabba l-pubblikazzjoni xi stqarrija malafamanti.

---

[1] Blackstone's Guide to the Defamation Act 2013. (Oxford University Press, 2013) - 2.42, page 22.

[2] Collins, *supra*, 6.29, pg. 123. Ġie ritenut ukoll illi t-test li ghandu jigi applikat huwa dak li jistabbilixxi jekk l-imputazzjoni twassalx ghal "*a loss of standing in some respect … on the part of right-thinking members of society generally*".

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti tqis li ftit jista' jkun hemm skop ta' tutela tar-reputazzjoni ta' entita' li ma toperax għal profitt, wisq inqas entita' li hija istituzzjoni governattiva jew tal-pubblika amministrazzjoni eletta demokratikament.

Gatley jgħid hekk dwar il-persuni li jistgħu u li ma jistgħux iresssqu azzjoni għal malafama:-

"*While a trading corporation is clearly a 'body that trades for profit', the Act is not limited to such entities: any non-natural person that trades for profit whether that is their only or merely a minor part of their purpose, will be covered. Thus, charities may fall within the provision, in so far as they are involved in trade for profit, as may non-governmental organisations, trade unions and employers' associations, and public bodies.* ***Governmental and some other bodies performing public functions are prevented completely from suing for defamation and s.1(2)[3] does not change the law in this respect.****"* (emfasi ta' din il-Qorti)

Għandu jingħad illi l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579) huwa riproduzzjoni kważi *verbatim*, talanqas safejn għandhom x'jaqsmu d-dispożizzjonijiet relevanti, tad-Defamation Act UK (2013) u l-Qorti tqis illi l-kummentarju ta' ġuristi Ingliżi u l-każistika tal-Qrati Inglizi in materja huma relevanti, utili u pertinenti u għandhom iservu ta' gwida għall-fini tal-interpretazzjoni tal-prinċipji legali ġodda li ġew introdotti fis-sistema ġuridika domestika bis-saħħa ta' din il-leġislazzjoni (Att XXXI tal-2018).

Fid-deċiżjoni fil-każ **Derbyshire County Council v. Times Newspapers Ltd.**[4], fejn il-Kunsill lokali ressaq azzjoni għal malafama wara artikolu li fih ġie kritikat il-mod kif kienu qed jintefqu fondi pubbliċi allokati lilu, il-House of Lords ikkonkludiet **illi l-**

[3] Ekwivalenti għall-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.
[4] (1993) AC 534. Din id-deċiżjoni qalbet il-preċedent li kien ġie stabbilit bid-deċiżjoni fil-każ *Bognor Regis Urban DC v Campion* [1972] 2 Q.B. 169 fejn kien ingħad li korporazzjonijiet li jaħdmu ma' gvernijiet lokali u entitajiet tal-gvern, kellhom "a governing reputation" li kienet protetta taħt il-liġi tad-diffamazzjoni.

**organi tal-gvern m'għandhomx jedd ta' azzjoni għal malafama**: dan mhux tant għaliex il-prospett ta' ħsara huwa kompletament ineżistenti[5], iżda għaliex l-eżerċizzju ta' jedd bħal dak minn istituzzjonijiet tal-gvern li jkunu demokratikament eletti, huwa meqjus mhux biss bħala inkonsistenti mal-ispirtu u l-prinċipji bażilari tal-liġi tad-diffamazzjoni, iżda wkoll bħala mezz li bih jiġi mminati l-jedd tal-liberta' tal-espressjoni. Jedd li jassumi importanza fondamentali f'dibattiti dwar materji ta' interess pubbliku, liema materji, bħalma huwa magħruf, jinkludu:-

«*... matters relating to the public life of the community and those who take part in it, including ... activities such as the conduct of the government and political life, elections and public administration ... [and] more widely ... the governance of public bodies, institutions and companies which give rise to a public interest in disclosure, but excluding matters which are personal and private, such there is no public interest in their disclosure*."[6]

Gatley jelenka serje ta' materji li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:-

"*... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ...*"[7]

Fil-fatt, fid-deċiżjoni suċitata f'azzjoni ta' diffamazzjoni mnedija minn Kunsill Lokali[8], Lord Keith qal hekk:-

"*What has been described as "the chilling effect" induced by the threat of civil actions for libel is very important. Quite often the facts which would justify a*

[5] Fil-fatt Gatley jagħti l-eżempju ta' stqarrija pubblikata b'allegazzjoni ta' trattament ħażin ta' impjegati, fejn allura jista' jiġi ravviżat ħsara konsistenti fil-kapaċita mnaqqsa ta' reklutaġġ ta' ħaddiema.
[6] (2001) 2 AC 127 (HL) 205 p. 176-177 per Lord Bingham: **Reynolds v. Times Newspapers Limited**, il-Qorti tal-Appell (EWCA).
[7] *Supra*, 15.6, p. 645, 646.
[8] **Derbyshire County Council v. Times Newspapers Ltd.**

*defamatory publication are known to be true, but admissible evidence capable of proving those facts is not available. This may prevent the publication of matters which it is very desirable to make public*".

Fir-rigward huwa relevanti dak li ntqal mill-Qorti Suprema tal-Awstralja fid-deċiżjoni fil-każ **Ian Robertson v. John Fairfax Publications Pty. Ltd et**[9], fejn ġiet ċitata b'approvazzjoni s-segwenti silta mid-deċiżjoni fil-każ **Ballina Shire Council v Ringland** (1994) 33 NSWLR 680:-

"*The idea of a democracy is that people are encouraged to express their criticisms, even their wrong-headed criticisms, of elected governmental institutions, in the expectation that this process will improve the quality of the government. The fact that the institutions are democratically elected is supposed to mean that, through a process of political debate and decision, the citizens in a community govern themselves.* ***To treat governmental institutions as having a 'governing reputation' which the common law will protect against criticism on the part of the citizens is, to my mind, incongruous***." (emfasi ta' din il-Qorti)

Fil-fatt, il-Qorti taqbel illi jekk il-fondi tal-Istat, li huma wara kollox derivati minn xejn inqas mit-taxxi mħallsin mill-poplu, ċittadini tal-Istat, jitħallew jintużaw biex jitressqu azzjonijiet għal malafama kontra dawk l-istess ċittadini għaliex ikunu kkritikaw jew ikkundannaw l-amministrazzjoni pubblika, anke jekk inġustament, dan ikun jikkostitwixxi interferenza gravi fil-jedd tal-espressjoni libera tal-opinjoni. Hija wkoll tal-fehma illi dan il-prinċipju għandu jsib applikazzjoni stretta f'każijiet fejn l-istqarrijiet impunjati jikkonċernaw il-funzjonijiet amministrattivi tal-awtorita' pubblika jew governattiva, fosthom l-infiq u l-amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi allokati lilha.

Fil-fatt, fil-każ in diżamina jirriżulta illi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet tal-konvenut fl-ittra pubblikata fil-gazzetta l-Orizzont, intestata "***Kunsill abbandun u flus***

[9] 29 ta' April 2004.

***moħlija***" hija, evidentement, l-amministrazzjoni ħażina mill-Kunsill tat-taxxi mħallsin miċ-ċittadin: il-konvenut jilmenta li mhux qed isir l-infiq li jeħtieġ għall-manutenzjoni ta' faċilitajiet u spazji pubbliċi kif ukoll *street furniture* fil-lokalita' ta' Ħal Kirkop u kollox jinsab fi stat ta' abbandun u żdingar.

Kemm hu hekk, fil-pubblikazzjoni impunjata, il-konvenut beda biex jistaqsi:-

"*Possibbli l-ministru responsabbli mill-kunsilli lokali m'għandux spetturi tekniċi u finanzjarji biex iħares l-infieq li jsir mit-taxxi tal-poplu?*"

Imbagħad temm billi qal:

"*Nispera li ma tibqax is-sistema tal-politiċi li jżuru r-raħal fl-aħħar ħmistax qabel l-elezzjoni għall-voti biss. Nittama fuq kollox li l-awtoritajiet jieħdu ħsieb li ma jibqax l-abbandun li qed jirrenja f'raħalna.*"

Il-Qorti tqis illi għalkemm il-Kunsill Lokali ma jifformax parti mill-Gvern Ċentrali u mhuwiex, effetivament, organu tal-Gvern Ċentrali, jgħoddu għalih l-istess prinċipju li la l-Gvern u lanqas dipartimenti tal-Gvern, fosthom dawk li għandhom status ta' korporazzjoni, m'għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ biex iressqu azzjoni għal malafama.

B'dan kollu iżda, il-Qorti m'hijiex qiegħda tfisser li l-fatt waħdu li l-korp ikkonċernat jirċievi jew jiġi allokat fondi pubbliċi, bħal universita' jew skola tal-istat, għandu jimpedih *a priori* milli jeżerċita azzjoni għal malafama. Lanqas qiegħda tgħid li individwu li huwa membru jew uffiċjal ta' entita' governattiva, huwa prekluż milli jressaq azzjoni bħal din jekk jintwera li l-istqarrijiet impunjati dwar l-entita' huma kapaċi jinftiehmu bħala referenza għall-individwu.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit illi l-Kunsill Lokali attur m'għandux reputazzjoni li hija tutelabbli mil-liġi u għalhekk, l-istqarrijiet impunjati minnu ma jistgħux jitqiesu bħala diffamatorji fil-konfront tiegħu, jikkonsegwi illi l-Kunsill Lokali m'għandux interess ġuridiku biex jipproponi l-azzjoni taħt il-liġi tal-malafama (Kap. 579) għall-ħlas ta' danni morali b'kumpens għall-ħsara lir-reputazzjoni.

F'kull każ, billi l-Kunsill ma ressaq ebda prova li huwa sofra xi telf materjali jew danni reali b'konsegwenza tal-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawża l-azzjoni tiegħu għandha tfalli.

**Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut safejn fir-Risposta tiegħu jqajjem in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop u konsegwentement, għar-raġunijiet imfissrin f'din is-sentenza, tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż jitħallsu mill-Kunsill Lokali attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**